# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Ċitazzjoni Numru: 40/2003 PC**

**Joseph u Josephine konjuġi Camilleri**

**vs**

**Kunsill Lokali Nadur; u**
**Direttur Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex,**
**u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2003, Salvu, Michael u Peter aħwa Vella,**
**ġew ammessi biex jintervjenju *in statu et terminus***

**Illum l-Erbgħa, 5 ta' Ġunju 2019**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-plot numru tlieta (3) mill-art imsejħa "il-Ħabel tal-Kappillan" fil-limiti tan-Nadur, Għawdex tal-kejl ta' ċirka mija u ħamsa u disgħin metri kwadri (195m²) u tmiss mit-tramuntana mat-triq, punent ma' beni tad-Djoċesi ta' Għawdex u lvant ma' beni ta' Paul Buttigieg;

Illi l-istess art ġiet u sussegwentement espproprijata mill-Gvern ta' Malta u fuq l-istess mertu hemm kawża kostituzzjonali pendenti dwar il-validita' tal-istess esproriazzjoni u dwar kemm u jekk l-istess espropriazzjoni saritx għal skopijiet pubbliċi;

Illi l-istess intimati nomine, nonostanti l-istess kawża kostituzzjonali u nonostanti l-fatt li l-Kunsill Lokali tan-Nadur, Għawdex kien diġa ġie inibit milli jkompli bl-istess xogħolijiet in forza ta' digriet tas-17 ta' Marzu 2003 mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-

mandat ta' Inibizzjoni Nru.: 2521/2002 fl-ismijiet: "Joseph u Josephine konjuġi Camilleri vs Kummissarju ta' l-Artijiet et", baqgħu għaddejjin bl-istess xogħolijiet u dana nonostanti l-fatt li l-permess tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kien ħareġ fuq il-Kunsill Loakli tan-Nadur, Għawdex, liema permess, skont il-liġi, m'huwiex trasferibbli fuq terzi persuni;

Illi għalhekk l-istess atturi kienu kostretti li jipproċedu bil-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-istess intimati nomine b'Mandat ta' Inibizzjoni ieħor ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri fl-ismijiet: "Joseph Camilleri et vs Kunsill Lokali Nadur et" (Mandat ta' Inibizzjoni Nru.:18/2003), liema mandat ġie milqugħ fis-sens li d-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru ta' Għawdex ġie awtorizzat biss li jagħmel xogħol ir-railings u xi xogħol ta' landscaping u li għalissa x-xogħol jieqaf hemm u f'dan is-sens l-istess Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministerju għal Għawdex ġie inibit milli jagħmel xogħol ulterjuri;

Illi għalhekk l-istess atturi kienu kostretti li jipproċedu bil-kawża odjerna.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, illi l-istess konvenuti nomine m'għandhom l-ebda dritt li jkomplu bl-istess xogħolijiet;

2. Konsegwentement tinibixxi lill-istess konvenuti nomine milli jkompli bl-istess xogħolijiet, ħlief dawk ta' lnadscaping u railing;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti nomine għas-subizzjoni.

B'riserva għal tal-azzjoni għad-danni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament maħlufa minn Joseph Camilleri.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tan-Nadur li eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut eċċipjenti ma kompla bl-ebda xogħolijiet oħra fis-sit in kwistjoni minn meta ġie notifikat b'Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 2521/2002 istitwit fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u ddikjara diversi drabi li mhux fi ħsiebu jkompli b'xi xogħol ieħor fl-istess sit;

2. Illi l-konvenut eċċipjenti m'għandux ibati spejjeż f'din il-kawża stante illi huwa ġia ddikjara, anke fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 18/2003 fl-ismijiet "Joseph Camilleri et vs Kunsill Lokali Nadur et", a bażi ta' liema mandat qed issir il-kawża

odjerna, illi m'huwiex qed jagħmel xogħolijiet u lanqas fi ħsiebu jagħmel xogħolijiet ulterjuri fis-sit in kwistjoni;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess Kunsill maħlufa mill-avukat Dottor Chris Said.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut l-ieħor Direttur għall-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, din iċ-ċitazzjoni hija nulla u mingħajr effett stante illi l-atturi ma humiex jagħmlu talbiet ġodda dwar it-titolu tal-art in kwistjoni, iżda qegħdin sempliċament jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tikkonferma digrieti fil-mandat ta' inibizzjoni 18/2003, mentri mhix qiegħdha ssir it talba dwar kanonizzazzjoni ta' drittijiet illi allegatament jiġu leżi jekk ix-xogħolijiet jibqgħu għaddejjin;

2. Illi fit-tieni lok, u mingħajr pregudizzju għas-suespost, irid jigi pprovat mill-atturi illi l-plot numru tlieta (3) mill-art imsejjħa 'il-Ħabel tal Kappillan' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex hija effettivament propjeta' tal-atturi;

3. Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-art ġiet debitament esproprjata mill-Gvern ta' Malta peress illi kienet meħtieġa għal skopijiet pubbliċi, u għaldaqstant l-Gvern ta' Malta għandu dritt jiżviluppa l-istess art għal skopijiet pubbliċi;

4. Illi ma hux minnu illi l-intimat Direttur Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex ġie inibit milli jagħmel xogħolijiet ta' tisbieħ f'din iż-żona, u dan għaliex il-mandat biex id-Direttur Proġetti u Żvilupp jiġi inibit milli jkompli bix-xogħolijiet ġie oriġinarjament rifjutat, u sussegwentament dan id-digriet ġie modifikat fis-sens illi d-Direttur ngħata permess jagħmel dawk ix-xogħoljiet kollha illi ddikkjara illi kellu ntenzjoni illi jagħmel;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut, ikkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Portelli.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Ottubru 2003 fejn ammettiet lil Salvu, Michael u Peter aħwa Vella sabiex jintervjenu f'din il-kawża *in statu et terminis*.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 18/2003 fl-ismijiet "Joseph Camilleri et. vs Kunsill Lokali, Nadur", allegat permezz tal-istess digriet.

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla, sede Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Camilleri et. vs. il-Kummissarju tal-Artijiet et." (Rikors Nru. 25/2001), deċiża fis-7 ta' Frar 2012, u li għaliha saret referenza fil-premessi ta' din il-kawża.

Rat id-digiret tagħha tad-9 ta' April 2019 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi ttentaw iżommu lill-konvenuti milli jkomplu jagħmlu xogħolijiet fuq art tagħhom fin-Nadur, li kienet ġiet esproprjata sabiex isir belvedere, u dan in segwitu għal mandat ta' Inibizzjoni li kien laqa' t-talba biex ma jitkomplewx isiru dawn ix-xogħolijiet.[1] It-talba tagħhom biex jintlaqa' dan il-mandat kienet saret peress li huma kienu qed isostnu li din l-esproprjazzjoni ma kenitx saret fl-interess pubbliku u għalhekk kienet illegali. Infatti in sostenn ta' din il-pretensjoni tagħhom l-atturi kienu anke intavolaw kawża quddiem il-Prim' Awla sabiex proprju jikkontestaw din l-esproprjazzjoni.[2] Imma sfortunatament għall-atturi, f'dik il-kawża ġie deċiż li l-esproprjazzjoni kontestata kienet tassew saret fl-interess pubbliku, u ma kien hemm xejn illegali fiha. Madankollu l-Qorti ddeċidiet li tillikwida s-somma ta' ħamest elef ewro (€5000) f'danni morali sofferti mill-atturi minħabba li sa dakinhar l-atturi ma kienux għadhom ġew ikkumpensati għal din l-esproprjazzjoni. Fl-istess sentenza, ġie deċiż li "*bit-tħaddim tar-regola migjuba fl-artikolu 223(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha…*"[3] Ma jidhirx li kien hemm appell minn din is-sentenza.

Is-sub-inċiż (3) tal-artikolu 223 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

"**Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra**."

---

[1] Ara digiret ta' din il-Qorti (kif diversament ippresjeduta) tal-4.04.2003 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 18/2003;

[2] Ara atti tal;-kawża fl-ismijet "Joseph Camilleri et. vs Il-Kummissarju tal-Artijiet (Rik Nru. 25/2001), deċiża fis-7 ta' Frar 2012;

[3] Ara sentenza tas-7 ta' Frar 2012, kopj ta' liema tibsab esebita f'dawn l-atti a fol. 103 – 125 tal-proċess

Ir-raġunijet li wasslu lil dik il-Qorti tasal għall-konkluzjonijet tagħha huma spjegati fid-dettal fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Frar 2012, u ma jidhirx li hemm għalfejn din il-Qorti terġa' tirrepetihom hawnhekk, u għalhekk tagħmel piena referenza għalihom. In segwitu għas-sentenza fil-kawża kostituzzjonali hawn fuq imsemmija, il-mertu tal-kawża presenti spiċċa eżawrit, għax ġialadarba l-esproprjazzjoni tal-art tal-atturi ġiet dikjarata skont il-liġi, ma kienx għad fadal skop li l-konvenuti jibqgħu jiġu miżmuma milli jkomplu jagħmlu x-xogħolijiet meħtieġa biex jitlesta l-belvedere li sar fuq l-istess art.

Fir-rigward imbagħad tal-kap tal-ispejjeż, u fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kif ġraw l-affarijiet f'dan il-każ, din il-Qorti jidrilha li għandha taddotta l-istess soluzzjoni adoperta fil-kawża kostituzzjonali u tiddikjara li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għaldaqstant tiddeċidi dwar il-kap tal-ispejjeż, billi tordna li kull parti fil-kawża għandha tbati l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-intervenuti fil-kawża, l-aħwa Vella, għandhom jibqgħu a karigu tagħhom.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur